1

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 31 ta’ Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 8**

**Avviz numru 706/01/SM**

**Emanuel u Mary Doris konjugi Grima**

**vs**

**Mario Conrad Gatt sive Konrad**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf lira Maltin (LM1,000.00,0) rapprezentanti depositu lilu mghamul in konnessjoni ma’ xoghol ta’ appalt fuq kcina ta’ l-oak, kamra tas-sodda tal-fibre abjad u tmin flash doors tal-kewba u soffri ammont ulterjuri li ghandu jigi likwidat mill-Qorti kif accetat minnu (skond kif jirrizulta mill-annessi Dok. A, B u C). Ghall-fini ta’ kompetenza l-ammont globali ma jeccedix il-hames t’elef Lira Maltin (LM5,000.00,0);**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-22 ta' Novembru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**